



ANNA U ALEX JGĦASSU GĦALL-FLUS FOLOZ



Anna u Alex qegħdin fl-istess klassi u huma tneib mill-aqwa. Dejjem isibu rutthom f'avventuri eċċitanti. Illum mhuxwix eċċezzjoni.

Anna: "Alex, ieqaf! Ħares hemmhekk! Naħseb li Philip jinsab fl-inkwiet!"

Alex: "Iva, għandek raġun. Milli jidher għandu xi problema mal-pulizija."

Philip m'għandu ebda tjiel x'qiegħed jigrì. "M'iniex nigdeb!" jgħid lill-pulizija. "Xi tadd tani dawn il-flus. Ma kontx naf li qiegħed nagħmel ħaġa tażina."

Anna: "Aħjar immorru tdejhom u naraw x'qiegħed jigrì. Il-lavrant tal-ħanut tal-elettronika jidher imbaqbaq. Żgur kien hu li ċempel lill-pulizija. Tassew li Philip inqabad jisraq?"

Alex: "Ma nassibx li Philip jasal biex jisraq. Ikolli ngħid li l-inkwistjoni għandha x'taqsam mal-karta tal-flus. Ara, il-pulizija qegħdin iħarsu lejha kontra d-dawl. Nittama li Philip ma ppruvax jixtri xi ħaġa b'karta tal-flus falza. Ejja naraw nistgħux inkellmuh."





Philip: "Għandi bżonn l-għajnuva tagħkom!
Ommi u missieri joqtluni jekk isiru jafu li
dhaft fl-inkwiet mal-pulizija. Ma nafx x'inhu
jiġri. Toni Brikku tani xi flus u talabni
mmur nixtrilu. Sirt nafu mill-internet.
Tgħidx kemm hu minn tagħna. Qiegħed
indawru l-post għax mhuvix minn hawn."

Anna tibqa' miblugħa għal ftit sekondi
u mbagħad tinfexx tagħjiet, "Imma fejn hu
moħħok, Philip? Ma rajthiex stramba li
xi tadd ma tafux minn Adam tak il-flus
hekk?"

Philip: "Le. X'fiha tazzin? Għamiltlu pjaċir,
u kien se jħallasni talli qdejt. Toni tani
karta ġdida tal-50 ewro biex nixtrilu logħba
elettronika. Kulma kelli nagħmel kien li
nagħtih il-logħba u l-bqija. Ta' dan, wegħedni
ħames ewro."

Anna u Alex ifiehm u lil haibhom kif kien daħal f'nasba: il-karta tal-flus x'aktarx li kienet falza. Kienet logħba ta' bniedem
makakk: bis-saħħa tal-karta tal-flus falza, Toni Brikku mhux biss kien se jdabbar il-bqija f'karti u muniti tal-ewro tajbin iżda
wkoll logħba elettronika ġdida! Anna u Alex jindunaw li Philip sab ruħu f'tabxa u jaqtgħuha li jgħinuh.

Bl-ghajnvna tal-pulizija, iħejju nasba għal
Toni Brikku għax jibzgu li jista' jħajjar
żgħażagħ oħra jużaw karti tal-flus foloz.
Il-pulizija qegħdin jissuspettaw ukoll li wara
dan il-pjan seta' jkun hemm għaqda kriminali
kbira li tingeda b'żgħażagħ biex iddaħħal flus
foloz fiċ-ċirkolazzjoni.

Anna u Alex jaħdmu id f'id mal-pulizija u
jirnexxilhom isibu lil Toni Brikku permezz
ta' chatroom fl-internet. F'kemm trodd
salib jiftiehem biex jiltaq' magħhom.



Meta Anna u Alex jiltaqgħu ma' Toni, jitlobhom jixtru l-logħba elettronika u jagħtihom il-flus. Anna toħroġ karta tal-flus tajba mill-portmonni tagħha u tqabbilha ma' dik li jkun taħom Toni.

"Din falza!" tgħajjat Anna. Toni Brikk u jinduna li kienu nasbuh, u jitleq jidri.



B'xorti tajba, il-pulizija jkun fuq il-qrib u jitleq għal warajh. Meta jaqbdh, ikollhom jissiektu miegħu sakemm ilibbsu l-manetti. Anna u Alex jietdu nifs qanwii hekk kif jaraw lil Toni arrestat u miġbur f'karozza tal-pulizija.



Wara din l-avventura, il-Bank Ċentrali Ewropew jippremja lil Anna u Alex għas-sehem tagħhom biex jingħad Toni Brikk.

Anna: "Grazzi ħafna, iżda kienu l-pulizija li qabdu l-klikka li kienet qiegħda tistampa l-flus foloz. Kulma għamilna kien li qabbadniehom tarf il-kobba."

Alex: "Attna ma ridniex tliet ngħinu lil Philip, li daħal fin-nassa ta' Toni Brikk bla ttiġa. Fortunatament, Toni ħa li ħaqq u issa jinsab il-ħabs."

Wara l-ċerimonja tal-premjazzjoni, Anna u Alex jiltaqgħu ma' Philip fil-wirja tal-ewro organizzata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Philip: "Grazzi mill-ġdid. Intom tliet ta' veru! Smajt li Toni Brikku stqarr kolli u li l-istamperija illegali fejn kienu qiegħdin jagħmlu l-karti tal-flus foloz ingħalqet."

Anna: "Prosi! X'aħbar tajba dik! Se nikteb xi ħaġa fuqha fil-paġna Facebook tal-iskola tagħna."

Alex: "Siebhi Philip, messek qiegħadt iżjed attent. Trid toqgħod b'seba' għajnejn ma' min tittkellem fl-internet. U taf li m'għandekx taċċetta flus mingħand min ma tafux!"

Anna: "Issa biżżejjed, Alex. Kulħadd jiżbalja."

Philip: "Iva, dażgur. Tgħallimtha l-lezzjoni li jekk nuża karti tal-flus foloz inkun qiegħed nikser il-liġi u nista' nidħol f'inkwriet kbir!"



Wara li taqra t-tagħrif fuq il-karti u l-muniti tal-ewro fil-wirja, Anna tgħidilhom, "Ħarsu 'l hawn! Ara kemm hi ħaġa ħafifa tagħraf karta tal-ewro tajba minn oħra falza. Kulma trid tagħmel hu li tiċċekkja tliet affarijiet. Ibda billi tħoss il-karta tal-flus. Trid tkun tqarqaċ u tinfass eħxen f'xi partijiet. Imbagħad, ħares lejn il-watermark kontra d-dawl. Wara, mejjel il-karta tal-flus biex tara l-effett tad-dawl fuq l-ologramma u n-numru aħdar żmerald."

Alex: "Anna, tibqax tkellimna bħallikieku aħna xi esperti. Tista' tfissrila dak kollu li għadek kemm għedt b'Malti ħafif, jekk jogħġbok? Kif indunajt li l-karta tal-flus ta' Toni Brikk kienet falza, sempliċement billi ħarist lejha kontra d-dawl?"


Anna: "Kont qiegħda niċċekkja l-watermark. Ħarsu sew. Meta żżomm karta tal-ewro mill-ġodda kontra d-dawl, għandek tara lill-Prinċipessa Ewropa."

Philip: "Min?"

Anna: "Ewropa hija prinċipessa tal-mitoloġija Griega. Il-kontinent Ewropew huwa msemmi għaliha. Il-karti tal-ewro l-ġodda kollha fihom ix-xbieha tagħha fil-watermark u fl-ologramma. Fil-karti l-ġodda tal-20 u l-50 ewro, tidher fit-tieqa bil-wiċċ, li hija parti ġodda tal-ologramma."

Alex u Philip: "Ologramma? Tieqa bil-wiċċ? Issa tassew m'aħniex nifhmuk!"

Anna: "Qatt ma rajtu dik l-istrixxa tleqq lewn il-fidda fuq karta tal-flus? Dik hija l-ologramma. Araw x'jiġri meta tmejjel il-karta tal-flus. Le, ma tridx ixxejjirha 'l hawn u 'l hinn! Hekk, bil-mod! Reġgħdin taraw ix-xbihat kif jinbidlu? U ħarsu lejn in-naħa ta' fuq tal-ologramma."



Kif tnhass il-karta
Il-karta tnhass tqarqaċ,
soda u eħxen f'xi partijiet.

Watermark
Żomm il-karta tal-flus
kontra d-dawl: għandek
tara xbieha tal-Prinċipessa
Enropa.

Numru aħdar żmerald
Mejjel il-karta tal-flus
biex tara l-effett
tad-dawl fuq in-numru.

Ologramma
Mejjel il-karta tal-flus
u ara x-xbihat jinbidlu
fl-istruttura lewn il-fidda.

Tiegħa bil-wiċċ
Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl
u ara kif it-tiegħa fin-naħa ta' fuq
tal-ologramma ssir trasparenti.

Alex: "Illaħwa! Issir trasparenti meta żżommha kontra d-dawl. Qisha tiegħa u fiha hemm xbieha ta' wiċċ Enropa."

Philip: "X'inhu dak in-numru jleqq in-naħa t'isfel fuq ix-xellug? Qisni rajtu jibdel il-kulur fid-dawl meta kont qiegħda tmejjel il-karta tal-flus."

Anna: "Dak huwa n-numru aħdar żmerald. Bis-saħħa tiegħu u ta' karatteristiċi oħra ta' sigurtà, il-karti tal-ewro huma mħarsin aħjar u tista' tiċċekkjahom faċilment."

Philip: "Qatt ma tajt kas! Wara l-avventura li għaddejti minnha, żgur se noqgħod tnejjed attent meta jkolli karti tal-ewro f'idejja! Mhijiex daqshekk diffiċli, wara kollox."



■ ZONA TAL-EURO

■ + ■ UNJONI EWROPEA





IL GIUOCO
EURO RUN



www.karti-godda-tal-euro.eu



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA